Nru. 18,026
Prezz 16ċ
Price 16c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 29 ta' Jannar, 2007
Monday, 29th January, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 86

ATT DWAR IX-XANDIR
(KAP. 350)

Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Kooperazzjoni Ewropea fix-Xandir

Trasmissjonijiet ta' Ġrajjiet Ewlenin

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mis-sub-regolament (1) tar-regolament 6 tar-Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Kooperazzjoni Ewropea fix-Xandir, l-Awtorità tax-Xandir ħejjiet, hawn taħt, lista ta' ġrajjiet, nazzjonali jew le, li tqis li għandhom importanza ewlenija għas-soċjetà Maltija:

Ġrajjiet Kulturali

1. Il-Festival tal-Kanzunetta Maltija għall-Ewropa: is-serata finali u s-serati tal-kwalifikazzjoni.

2. Il-Festival tal-Kanzunetta tal-*Eurovision:* is-serata finali iżda wkoll l-avveniment tas-serata tal-kwalifika jekk Malta tkun qed tieħu sehem.

3. Il-Karnival ta' Malta: il-Karnival ta' nhar ta' Sibt għat-Tfal; Jum il-Ħadd tal-Karnival; il-Karnival fil-Furjana ta' nhar ta' Tlieta.

Ġrajjiet Sportivi

4. Il-logħbiet kompetittivi li t-tijm nazzjonali tal-futbol Malti, jilgħab f'Malta.

GOVERNMENT NOTICE

No. 86

BROADCASTING ACT
(CAP. 350)

Broadcasting (Jurisdiction and European Co-operation) Regulations, 2000

Transmission of Major Events

IN exercise of the powers conferred by sub-regulation (1) of regulation 6 of the Broadcasting (Jurisdiction and European Co-operation) Regulations, 2000, the Broadcasting Authority has drawn up hereunder a list of designated events, national or non-national, which it considers to be of major importance for the Maltese society:

Cultural Events

1. The Malta Song for Europe: final and qualifying nights.

2. The Eurovision Song Festival: final night but qualifying event also included in case of Maltese participation.

3. The Malta Carnival: Saturday Carnival for Children, Carnival Sunday and Tuesday Floriana Carnival.

Sports Events

4. The Maltese national football team's competitive home matches.

5. Il-logħbiet kompetittivi li t-tijm nazzjonali tal-futbol Malti, jilgħab barra minn Malta.

6. Il-logħbiet finali u semi-finali tat-Tazza tal-U.E.F.A. u tal-U.E.F.A. *Champions League*.

7. Iċ-ċerimonja tal-ftuħ, il-partita tal-ftuħ, il-kwarti tal-finali, is-semi-finali, il-logħba għat-tielet post u l-finali tal-FIFA World Cup.

8. Iċ-ċerimonja tal-ftuħ, il-partita tal-ftuħ; is-semi-finali u l-finali tal-Kampjonat Ewropew tal-Futbol tal-U.E.F.A.

9. Iċ-ċerimonja tal-ftuħ u kulfejn Malta tieħu sehem fil-Logħob Olimpiku tas-Sajf.

10. Iċ-ċerimonja tal-ftuħ u l-finali li jintlagħbu fl-aħħar ġurnata tal-Logħbiet tal-Pajjiżi ż-Żgħar ta' l-Ewropa.

11. Ir-regatta ta' Marzu u ta' Settembru.

Rapporti Mxandra

1. Fil-każ ta' ġrajjiet imsemmija hawn fuq, ix-xandir isir dirett u sħiħ ħlief f'dawn il-każi li ġejjin:

a) Il-logħbiet kompetittivi tat-tijm nazzjonali Malti li jsiru f'Malta jistgħu jixxandru differiti fi żmien 24 siegħa mill-ħin li l-partita tkun intemmet.

b) Is-Sibt wara nofsinhar tal-Karnival ta' Malta għandu jixxandar b'mod differit u sħiħ nhar ta'Ħadd il-Karnival wara nofsinhar u din ix-xandira ssir dejjem biss jekk il-Karnival ta' nhar ta' Ħadd ma jkunx tħassar.

Klawsola Transitorja

2. Is-semi-finali tat-Tazza tal-U.E.F.A. u tal-U.E.F.A. *Champions League* għandhom jitqiesu bħala ġrajjiet ewlenin b'seħħ mill-istaġun tal-futbol 2007-2008.

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 900 ta' 2001 hija b'din imħassra.

Id-29 ta' Jannar, 2007

5. The Maltese national football team's competitive away matches.

6. The final and semi-final games of the U.E.F.A. Cup and of the U.E.F.A. Champions League.

7. The opening ceremony, the opening game, the quarter-finals, the semi-finals, the game for third place and the final of the FIFA World Cup.

8. The opening ceremony, the opening game, the semi-finals and the final of the U.E.F.A. European Football Championship.

9. The opening ceremony and Maltese participation in the Summer Olympic games.

10. The opening ceremony and the finals taking place on the last day of the Games of the Small States of Europe.

11. The March and September regattas.

Coverage

1. In the case of the events listed above, coverage shall be direct and in full except in the following cases:

a) The Maltese national football team competitive home matches which could be aired on a deferred basis within 24 hours from the time that the match has ended.

b) The Malta Carnival held on Saturday afternoon is to be broadcast on a deferred basis and in full on Carnival Sunday afternoon only if the actual Carnival Sunday event has been cancelled.

Transitory Provision

2. The semi-final of the U.E.F.A. Cup and of the U.E.F.A. Champions League shall be considered a major event with effect from the football season 2007-2008.

Government Notice No. 900 of 2001 is hereby revoked.

29th January, 2007

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 17 (1) (i) tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjoni Elettorali tgħarraf illi hija m'għandhiex ritratt tal-persuni li isimhom jidher hawn taħt. Għalkemm isimhom huwa nkluż fir-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali pubblikat f'Ottubru, 2006, ma jkunx jista' jinħarġilhom Dokument għall-Votazzjoni.

Il-Kummissjoni Elettorali tistieden dawn il-persuni biex jiġu l-Uffiċċju Elettorali ħalli jittieħdilhom ritratt.

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of regulation 17 (1) (i) of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commission notifies that it is not in possession of a photograph for the persons whose names are listed hereunder. Although their names are included in the Local Councils' Electoral Register published in October, 2006, it would not be possible to issue a Voting Document to these persons.

The Electoral Commission invites these persons to call at the Electoral Office in order to have their photograph taken.

Pace Theresa k/a Marthese – 793057M – 23, Fl 6, Trejqet il-Fosos, Floriana
D'Arrigo Santo – 24884A – 43, Vilhena Apts, Fl 24, Triq l-Imħażen, Floriana
Cassar Lawrence – 2006853P – 175, Triq il-Vittorja, Ħamrun
Zahra Maria Assunta k/a Miriam – 88753M – 105, Triq il-Vittorja, Ħamrun
Aquilina Joan – 120855M – 250, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun
Paiber Cesar Oscar – 355401L – 102, Triq San Vinċenz, Ħamrun
Portanier Nicholas – 329148M – 21, Triq Miggiani, Ħamrun
Incorvaia Raffaele – 18228A – St Paul, Triq il-Vitorja, Qormi
McCulloch Antonia – 220759M – Villa Kentia, Triq il-Ħemel, Swieqi
Mirandola Cristiano – 20103A – 44, Rosedale Fl 6, Triq il-Ġogi, Swieqi
Portelli Josef – 868351M – Guga, Triq it-Tiben, Swieqi
El-Hayek Jeanne Fovad – 17737A – 121, San Marco, Triq il-Għajn, Swieqi
Tabone Denise Mary Ella – 3576A – 2, Il-Kantuniera, Triq C. Troisi, Ibraġ, Swieqi
Tabone Carmelo – 495932M – Pinto Bldg/Fl 16, Triq San Albert, Gżira
Tabone Giuseppina – 726839M – Pinto Bldg/Fl 16, Triq San Albert, Gżira
Haddad Mark Tarak – 20018A – 13, Il-Merill, Triq A. Durer, Attard
Zammit Raphael – 301444M – 17, Triq Britannja, Mosta
Lammers Ronald Gerardus – 17575A – Tower Crt/Fl 2, Triq it-Torri, Xlendi, Munxar

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Id-29 ta' Jannar, 2007

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

29th January, 2007

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tgħarraf illi pparkjar fit-toroq li ġejjin se jkun ipprojbit fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iffilmjar f'Marsaxlokk

Nhar l-Erbgħa, il-31 ta' Jannar, 2007 bejn is-6.00 a.m. u s-6.00 p.m., l-ipparkjar se jkun ipprojbit fil-parkeġġ f'Xatt tas-Sajjieda (Torri tal-Kaċċaturi).

Iffilmjar f'Għajn Tuffieħa

Nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Frar, 2007 bejn is- 6.00 a.m. u s-6.00 p.m., l-ipparkjar se jkun ipprojbit fil-parkeġġ qrib ir-Riviera Martinique.

Iffilmjar fil-Belt Valletta

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Frar, 2007 bejn is- 6.00 a.m. u s-6.00 p.m., l-ipparkjar se jkun ipprojbit fi 8 postijiet ta' parkeġġ fi Triq Ġerolamu Cassar.

Iffilmjar f'Tas-Sliema

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Frar, 2007 bejn nofsinhar u s-6.00 p.m., l-ipparkjar se jkun ipprojbit fix-Xatt ta' Tignè (quddiem il-Fortina Hotel).

Nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Frar, 2007 bejn is- 6.00 a.m. u s-6.00 p.m., l-ipparkjar se jkun ipprojbit fix-Xatt ta' Tignè (quddiem il-Fortina Hotel).

Id-29 ta' Jannar, 2007

MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Malta Transport Authority notifies that street parking on the following roads will be prohibited on the dates and times indicated.

Filming at Marsaxlokk

On Wednesday, 31st January, 2007 between 6.00 a.m. and 6.00 p.m., parking will be prohibited in the car park at Xatt tas-Sajjieda (Hunters' Tower).

Filming at Għajn Tuffieħa

On Friday, 2nd February, 2007 between 6.00 a.m. and 6.00 p.m., parking will be prohibited in the car park near Riviera Martinique.

Filming at Valletta

On Thursday, 8th February, 2007 between 6.00 a.m. and 6.00 p.m., parking will be prohibited in 8 parking spaces in Triq Ġerolamu Cassar.

Filming at Sliema

On Thursday, 8th February, 2007 between noon and 6.00 p.m., parking will be prohibited at Tignè Sea Front (in front of Fortina Hotel).

On Friday, 9th February, 2007 between 6.00 a.m. and 6.00 p.m., parking will be prohibited at Tignè Sea Front (in front of Fortina Hotel).

29th January, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

169

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-17 ta' Jannar, 2007 fuq rikors ta' HSBC BANK MALTA P.L.C. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 15 ta' Frar, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-17 ta' Jannar, 2007 li għandu jsir FIL-KURIDURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Razzett mingħajr numru uffiċjali iżda bl-isem "RINGLEADER", bl-aċċessorji tiegħu kollha inkluża l-art ta' madwaru tal-kejl superfiċjali ta' ċirka 5,030 metru kwadru sitwat fit-Triq tal-Konfettur, Had-Dingli, liberu u frank, stmat li jiswa Lm1,580,000.00ċ.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' ANTHONY SIVE ANTOINE VASSALLO ET.

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 17th January, 2007 on the application of HSBC BANK MALTA P.L.C., Thursday, 15th February, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 17th January, 2007 to be held in the corridors of these Courts of the following property.

Unnumbered farmhouse, known as "RINGLEADER", together with all its improvements and its surrounding lands measuring superficially 5,030 square metres, accessible from Triq il-Konfettur, Dingli, free and unencumbered, valued at Lm1,580,000.00c.

The said tenement is the property of ANTHONY SIVE ANTOINE VASSALLO ET.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Paul Micallef fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-19 ta' Ottubru, 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 25 ta' Jannar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Paul Micallef A&CE on 19th October, 2006.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 25th January, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

170

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fil-11 ta' Jannar, 2007 fuq rikors ta' GRAZIO BORG ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 20 ta' Frar, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-11 ta' Jannar, 2007 li għandu jsir fil-kuriduri ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond numru erba' mija u sebgħa u tletin (437), Triq l-Imdina, Ħal Qormi, liberu u frank, stmat li jiswa Lm175,000.00ċ.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' FLOWER LAND & NURSERY COMPANY LIMITED ET.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-11 ta' Jannar, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 25 ta' Jannar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 11th January, 2007 on the application of GRAZIO BORG, Tuesday, 20th February, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 11th January, 2007 to be held in the corridors of these Courts of the following property.

Tenement number four hundred thirty seven (437), Mdina Road, Qormi, free and unencumbered, valued at Lm175,000.00c.

The said tenement is the property of FLOWER LAND & NURSERY COMPANY LIMITED ET.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Valerio Schembri A&CE on 11th January, 2007.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 25th January, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

171

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-30 ta' Novembru, 2006 fuq rikors ta' HSBC BANK MALTA PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 15 ta' Frar, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-1 ta' Ġunju, 2006 li għandu jsir FIL-KURIDURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-Blokk bini kummerċjali u uffiċini fi stat ta' ġebel u saqaf fi Triq Dawret il-Ħamrun, Ħal Qormi, stmat li jiswa Lm230,000.00c.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' VINCENT ZAHRA.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Paul Micallef fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-25 ta' April, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 17 ta' Jannar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 30th November, 2006 on the application of HSBC BANK MALTA PLC, Thursday, 15th February, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 1st June, 2006 to be held IN THE CORRIDORS OF THESE COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA, of the following property.

Shell-form commercial block and offices situated in Triq Dawret il-Ħamrun, Qormi, valued at Lm230,000.00c.

The said tenement is the property of VINCENT ZAHRA.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Paul Micallef A&CE on 25th April, 2005.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 17th January, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

172

Ikun jaf kulħadd illi b' digriet tad-9 Ottubru 2006, il-Qorti Ċivili Prim'Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12)

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta.

Lil Marixxall tal-Qorti.

Billi b' digriet mogħti minn din il-Qorti fid-9 ta' Ottubru 2006, fuq talba ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lis-sidien mhux magħrufa tad-directum dominium ta' Art fl-atti taċ-Ċedola fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs KuraturiDeputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 2006, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrapreżentaw lis-sidien mhux magħrufa tad-directum dominium ta' l-art mibnija in parte, fil-kontrada tal-Ħandaq limiti ta' Ħal Qormi, imlaqqma 'Tal-Ħniena' 'Tal-Ħmieri' sive 'Ta' Ħmieni' sive 'Ta' Ħammieri' fiha kejl ta' ċirka erbat elef erba' mija u sebgħa u disgħin punt erbgħa (4497.4) metri kwadri u tmiss mil-Lvant ma' Ħandaq Road u min-Nofsinhar u mill-Punent ma' beni ta' l-aħwa Spiteri Sacco jew irjieħ verjuri, ir-rikorrenti HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177), espona bir-rispett;

Illi l-Bank esponent jippossjedi l-art mibnija in parte fil-kontrada ta' Tal-Ħandaq limiti ta' Ħal Qormi, imlaqqma 'Tal-Ħniena' 'Tal-Ħmieri' sive 'Ta' Ħmieni' sive 'Ta' Ħammieri' li fiha l-kejl ta' ċirka erbat elef erba' mija u sebgħa u disgħin punt erba' metri kwadri (4497.4 m.k.) u tmiss mil-Lvant ma' Ħandaq Road u min-Nofsinhar u mill-Punent ma' beni ta' l-aħwa Spiteri Sacco jew irjieħ verjuri soġġetta għal-ħamsin ċenteżmu (50ċ) u liema art hi mmarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'A'.

Illi l-imsemmija proprjetà ġiet akkwistata mill-Bank esponent mingħand Tessons Limited, permezz, ta' kuntratt datat it-tnax ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa (12.3.2004) fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlò (Dok. 'B').

Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius datat is-sbatax ta' Frar elf disa' mija u tlieta u tmenin (17.2.1983) (Dok. C) l-istess Tessons Limited, xtrat u akkwistat is-sub dirett dominju perpetwu rigwardanti l-istess art ta' mija u disgħa u disgħin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu

It is hereby notified that by a decree of the 9th October 2006, the Civil Court First Hall, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta.

To the Marshal of the Court.

Whereas by a decree given by this Court on the 9th October 2006, following a request of HSBC Bank Malta p.l.c.it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the unknown owners of the directum dominium of the Land, in the records of the Schedule in the names HSBC Bank Malta plc vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court on the 4th October 2006, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Deputy Curators appointed to represent the unknown owners of the directuum dominium of the land built in part , in the vicinity of tal-Ħandaq limits of Ħal-Qormi known as 'Tal-Ħniena' 'Tal-Ħmieri' sive 'Ta' Ħmieni' sive ' Ta' Ħammieri' which has the area of circa of four thousand four hundred and ninety seven point four (4497.4) square metres and borders on the East with Ħandaq Road and on the South and West with property of the brothers Spiteri Sacco or more correct boundaries, the applicant HSBC Bank Malta p.l.c. pleaded with respect;

That the applicant Bank possesses the land built in part in the vicinity of Tal-Ħandaq limits of Ħal-Qormi known as ' Tal-Ħniena' 'Tal-Ħmieri' sive 'Ta' Ħmieni' sive 'Ta' Ħammieri' which has the area of circa four thousand four hundred and ninety seven point four square metres (4497.4sq.m) and borders on the east with Ħandaq Road and on the south and on the west with property of the brothers Spiteri Sacco or more boundaries subject to fifty cents 50ċ) and which land is marked in red on the plan hereby attached and marked Doc 'A'.

That the said property, was acquired by the applicant Bank from Tessons Limited by means of a contract dated twelfeth of March of the year two thousand and four (12.3.2004) in the records of Notary Dr. Marco Burlò (Doc.'B').

By means of a contract in the records of Notary Dr. Antoine Agius, dated seventeenth of February of the year one thousand nine hundred and eighty three (17.2.1983) (Doc. C) the same Tessons Limited bought and acquired the sub-directum perpetum regarding the same land of one hundred ninety nine

(Lm199.50ċ) għall-prezz ta' tlett elef disa' mija u disgħin lira Maltin (Lm3,990.00ċ) liema sub-ċens ġie kostitwit in forza ta' kuntratt ippublikat mill-istess Nutar Dottor Antoine Agius fl-erbgħa u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija wieħed u tmenin (24.10.1981) (Dok. D) u kuntratt ieħor ippubblikat mill-istess Nutar Dottor Antoine Agius fid-dsatax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (19.6.1982) (Dok. 'E').

Permezz tal-preċitat kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius datat is-sbatax ta' Frar elf disa' mija u tlieta u tmenin (17.2.1983) ġie ddikjarat illi l-istess art hija soġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' ħamsin ċenteżmu (50ċ).

Permezz tal-preċitat kuntratt ta' diviżjoni ippubblikat minn-Nutar Dottor Antoine Agius, fl-erbgħa u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u wieħed u tmenin (24.10.1981) (Dok. 'D') ġie stabbilit illi din il-proprjetà qabel ma seħħet din id-diviżjoni kienet tappartjeni lil Philip u Antonio aħwa Gatt u li kienet soġġetta għall-istess ċens annwu u perpetwu ta' ħamsin ċenteżmi (50ċ)

...Omissis...

Illi l-Bank esponent jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakoltà mogħtija bl-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u jifdi dan l-imsemmi ċens kif stipulat fl-istess liġi.

...Omissis...

Għaldaqstant il-Bank esponent jadixxi dina l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorita ta' l-istess jgħaddi biex jiddepożita s-somma ta' għaxar Liri Maltin (Lm10.00) fidi ta' l-imsemmi ċens u dana sabiex din is-somma tingħata liberament lill-intimati wara li jħallu d-debita riċevuta skond il-liġi.

Esponent nomine: 116, Archbishop Street, Valletta.

Notifika: 1. Intimati: Kuraturi Deputati.

2. Direttur tar-Reġistru Pubbliku (2 notifiki) u

3. Reġistru ta' l-Artijiet, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Maltese Liri (Lm199.50) for the price of three thousand nine hundred and ninety Maltese Liri (Lm3,990.00c) which sub-goundrent was constituted in virtue of a contract, published, by the same Notary Dr. Antoine Agius on the twenty-fourth October of the year one thousand nine hundred and eighty one (24.10.1981) (Doc. D) and another contract published by the same Notary Dr. Antoine Agius, on the 19th June of the year one thousand nine hundred and eighty two (19.6.1982) (Doc. 'E').

By means of the above mentioned contract in the records of Notary Dr. Antoine Agius, dated seventeenth of February one thousand nine hundred and eighty three (17.2.1983), it was declared that the same land is subject to the annual and perpetual goundrent of fifty cents (50c).

By means of the above mentioned contract of partition published by Notary Dr. Antoine Agius on the twenty fourth of October of the year one thousand nine hundred and eighty one (24.10.1981) (Doc. 'D') it was established that this property before the said partition, took place, belonged to Philip and Antonio brothers Gatt and was subject to the same annual and perpetual groundrent of fifty cents (50c)

...Omissis...

That the applicant Bank wishes to avail itself of the faculty granted by Article 1501 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta) and redeem the said groundrent, as stipulated in the same law.

...Omissis...

Thus the applicant Bank, is calling upon this Honourable Court and under the Authority of the same passes on to deposit the sum of ten Maltese Liri (Lm10.00) redemption of the said groundrent and this so that that sum be freely given to the respondents, after they leave the due reciept according to law.

Applicant nomine: 116, Archbishop Street, Valletta.

Notify: 1. Respondents: Deputy Curators.

2. Director Public Registry (2 services) and

3. Land Registry, Casa Bolino, 116, West Street, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Joseph R. Micallef, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 9 ta'Ottubru 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Jannar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentionedwith the witness of the Hon. Mr.Justice Joseph R. Micallef, LLD., Doctor of Laws.

Today 9th October 2006.

Registry of the Superior Courts, today 24th January 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

173

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-3 ta' Jannar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba, fid-19 ta' Ottubru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Maria Gough (ID208700L) ta' 25, Gransite A, Triq Massimiljanu Kolbe, San Pawl il-Baħar, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u sitta u disgħin lira Maltin u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm396.64) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (931/06MK) hija differita għall-5 ta' Frar 2007 fis-1.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Jannar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 3rd January 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 19th October 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Maria Gough (ID 208700L) of 25, Gransite A, Triq Massimiljanu Kolbe, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and ninty six Maltese liri and sixty four cents (Lm396.64) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 931/06MK) is put off on the 5th February 2007 at 1.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th January 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*